# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 338/2024 (SG)**

**Il-Pulizija**
(Spettur Keith Xerri)

**versus**

**Paul Farrugia**

**Illum, 13 ta' Ġunju, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijiet imressqa kontra Paul Farrugia, ta' 47 sena, bin George Dolindo u Eucharistica nee' Vella, imwieled nhar it-13 ta' April, 1976 ġewwa r-Rabat, Għawdex, jirrisjedi ġewwa l-fond numru 45, Triq Palma, Rabat, Għawdex u detentur tal-karta tal-identità Maltija, bin-numru 0010476G, li permezz tagħhom ġie akkużat talli bejn iż-żmien tat-2 ta' Novembru 2023 u t-30 ta' Jannar 2024 u/jew fil-ġimgħat u xhur ta' qabel, ġewwa 45, Triq Palma, Rabat Għawdex u/jew f'diversi inħawi oħra f'dawn il-gżejjer:

1. Bħala detentur ta' liċenzja ta' arma regolari jew munizzjon tiegħu, ċjoè air pistol tal-marka UMAREX bis-serial number H45118888, u li dwarha kellu liċenzja, tilifha, insterqitlu jew saritilha ħsara b'mod li ma tkunx tista' tissewwa, u naqas milli fi żmien 24 siegħa minn meta nduna b'dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli jinforma lill-Kummissarju tal-pulizija.
   Art. 43, 51(8) — Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Iżjed talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, bħala negozjant jew persuna oħra li kellu liċenzja biex jakkwista jew ikollu fil-pussess tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, ċjoè air pistol tal-marka UMAREX bis-serial number H45118888, naqas milli jżomm dik l-arma fil-kustodja tiegħu b'tali mod li din ma tiġix f'idejn ħaddieħor.
   Art. 47, 51(8) — Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta

3. Ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, għamel reat ieħor waqt li kien qiegħed taħt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża li ngħatat lilu nhar il-25 ta' Jannar 2024 mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.
   Art. 28B (1)(2) — Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tittratta lill-imputat bħala reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

**Rat** id-dokumenti esibiti;

**Semgħet** il-provi prodotti;

**Semgħet** trattazzjoni;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqis li l-Artikolu 43 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li detentur ta' liċenzja li l-arma regolari jew munizzjon tiegħu, u li dwarhom ikollu liċenzja, jintilfulu, jinsterqulu, jew issirilhom ħsara b'mod li ma jkunux jistgħu jissewwew, għandu jirraporta dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli lill-Kummissarju, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jinduna b'dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bin-numru 1993/2022 fl-ismijiet Il-Pulizija Vs Keith Micallef deċiża fl-14 ta' Marzu 2024 fejn intqal:

"*Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqis li l-Artikolu 43 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li detentur ta' liċenzja li l-arma regolari jew munizzjon tiegħu, u li dwarhom ikollu liċenzja, jintilfulu, jinsterqulu, jew issirilhom ħsara b'mod li ma jkunux jistgħu jissewwew, għandu jirraporta dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli lill-Kummissarju, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jinduna b'dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli. F'dan il-każ, l-imputat għażel li ma jixhidx. L-unika prova mressqa mill-Prosekuzzjoni kienet dokumenti u affidavit ta' PS 827. Mill-*

*affidavit ta' PS 827 Edward Grech, jirriżulta li fit-18 ta' Marzu, 2022, l-imputat mar jirraporta l-Għassa li fis-17 ta' Marzu, 2022, għal ħabta tat-18.15 hrs, induna li kellu arma tan-nar mitlufa, liema arma tan-nar instabet mill-Pulizija ta' CID, waqt search li sehh ġo garaxx. Il-Prosekuzzjoni pprezentat ukoll dokumenti dwar fuq min kienet reġistrata din l-arma tan-nar, liema dettalji jikkombaċaw mad-dettalji tal-imputat.*

*Madanakollu, id-dispożizzjoni tal-liġi fuq riferita tagħmilha ċara, li detentur ta' liċenzja għandu jirraporta dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli lill-Kummissarju, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jinduna b'dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli. F'dan l-affidavit jirriżulta ċar, li l-imputat mar jirraporta fit-18 ta' Marzu, 2022, wara li fis-17 ta' Marzu, 2022, kien induna li kellu arma tan-nar mitlufa. Huwa minnu li aktar tard fl-affidavit, ġie mniżżel li fis-17 ta' Frar, 2022, l-imputat kien mar jispara żewġ tiri b'din l-arma, u wara mar jagħmel xi xogħol f'garaxx, u filgħaxija hekk kif irritorna d-dar, induna li l-arma ma kinitx ġol-vettura, iżda ħaseb li ħalliha ġol-garaxx. Iżda fl-affidavit ta' PS 827, l-istess Surġent żied jgħid li l-imputat qallu li traskura u ma tax każ, u nduna biss li l-arma tan-nar kienet nieqsa, hekk kif kellmuh il-Pulizija tas-CID, nhar is-17 ta' Marzu, 2022, meta nfurmawh li nstabet ġo garaxx. Il-Qorti ma ngħatatx dettalji dwar jekk dan il-garaxx kienx l-istess garaxx li kien mar jagħmel xogħol fih l-imputat, dakinhar tas-17 ta' Frar, 2022, jew jekk kienx xi garaxx ieħor.*

*Minn dan kollu, għalhekk, din il-Qorti ma tqisx li tressqu provi biżżejjed li jikkonvinċuha, li l-imputat kien induna bit-telf tal-arma tan-nar fis-17 ta' Frar, 2022. Dakinhar huwa kien mingħalih li ħalla l-arma tan-nar f'garaxx, iżda kien biss fis-17 ta' Marzu, 2022, skont hekk kif irrapportat fl-affidavit ta' PS 827, li l-imputat induna li l-arma tan-nar kienet mitlufa. Għaldaqstant jirriżulta, li din l-ewwel imputazzjoni ma ġietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni u l-imputat sejjer jiġi liberat minnha.*"

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza fuq kwotata, din il-Qorti tqis li mill-affidavit ta' PS 1462 Joseph Attard, jirriżulta li fit-30 ta' Jannar, 2024, l-imputat mar jirraporta l-Għassa r-Rabat, Għawdex, li fid-9 ta' Novembru, 2023, għall-ħabta tas-13:00 hrs, induna li kellu arma tan-nar mitlufa, u li kien mar ifittixha, u ma sabiex. Fl-istess affidavit, intqal li Paul Farrugia kien qed jissuspetta li ommu, li hi anzjana ta' 85 sena, x'aktarx kienet tnaddaf u ramietha bi żball, u meta staqsieha ma tiftakar xejn.

Jirriżulta li sar affidavit mill-imputat li kien ġie mgħoddi lil PS 1462. F'dan l-affidavit, l-imputat iddikjara li huwa tilef l-air pistol tal-marka Umarex bin-numru tas-serje H45118888, u dana wara

li saru t-tfittxijiet kollha neċessarji. L-affidavit huwa datat 30 ta' Jannar 2024 u ġie maħluf fl-istess data.

Id-dispożizzjoni tal-liġi fuq riferita tagħmilha ċara, li detentur ta' liċenżja għandu jirraporta dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli lill-Kummissarju, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jinduna b'dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli.

Mil-'Lost Report' esibit bħala Dok. JA1 jirriżulta li, skont dak rapportat minn Paul Farrugia, huwa kien ra din l-arma għall-aħħar darba fit-2 ta' Novembru 2023, fis-siegħa ta' waranofsinhar, u kien induna li din kienet nieqsa fid-9 ta' Novembru 2023 fis-siegħa ta' waranofsinhar. Irriżulta wkoll li r-rapport mal-pulizija mar jagħmlu fit-30 ta' Jannar 2024, meta huwa assigura ruħu li, wara t-tfittixijiet kollha, din l-arma baqgħet ma ġietx misjuba. Infatti, l-affidavit li ppreżenta kien f'dan is-sens. Il-kontenut tal-affidavit, u d-dati hemm kontenuti fih, ġew ikkonfermati bil-ġurament min-Nutar Dr Maria Camilleri Pisani li xehdet ukoll f'dawn il-proċeduri.

Huwa relevanti f'dan l-isfond ukoll l-affidavit ta' PC 763 Joseph Magrin, li xehed in vista ta' sentenza datata 25 ta' Jannar 2024, Paul Farrugia ntalab sabiex jieħu l-armi kollha rreġistrati fuq ismu, u meta dan mar, huwa informa lill-pulizija li l-air pistol tal-marka Umarex bin-numru tas-serje H45118888 ma kienx jaf fejn hu. Skont l-istess PC 763, Paul Farrugia ġie gwidat biex jagħmel affidavit u rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija. A fol 23 din il-Qorti tinnota li ġie esibit dokument mill-Uffiċċju tal-Armi, fejn fil-parti ta' isfel ta' dan id-dokument, hemm imniżżel data tal-31 ta' Diċembru 2019, b'referenza għal firearm number H45118888 li hija air pistol tal-marka Umarex, u li taqa' taħt *class Schedule 2* u li ġiet indikata bħala *lost*.

Din il-Qorti tqis li, minn eżami ta' dan kollu, ma tarax li din l-ewwel imputazzjoni ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubbju raġonevoli mill-Prosekuzzjoni. Fl-ewwel lok, jidher li minn dan id-dokument a fol 23, hemm data oħra indikata bħala 31 ta' Diċembru 2019 li minnha jirriżulta li l-Uffiċċju tal-Armi kien konsapevoli li din l-arma hija *lost*. Jidher ukoll li r-rapport li l-arma ma kinitx instabet sar fit-30 ta' Jannar 2024, tant li l-imputat ippreżenta affidavit biex jikkorrabora dan kollu. Id-data tad-9 ta' Novembru 2023 ġiet indikata minn PS 1462 J. Attard bħala d-data li allegatament l-imputat induna li ma kienx sab l-arma inkwistjoni. Madanakollu, apparti li din id-data lanqas ma tikkombaċa mad-data li hemm indikat fuq id-dokument a fol 23, din il-Qorti ma tqisx li b'daqshekk tressqu provi biżżejjed li jikkonvinċuha, li l-imputat kien induna bit-telf tal-arma tan-nar fid-9 ta' Novembru 2023. Jidher ben evidenti mill-affidavit tat-30

ta' Jannar 2024 illi kien proprju fit-30 ta' Jannar 2024 li, wara li għamel it-tfittixijiet kollha neċessarji, l-imputat wasal għal konklużjoni, u induna li l-arma kienet nieqsa, u li kienet insterqitlu jew intilfet.

In parentesi, jingħad ukoll li din id-data (tad-9 ta' Novembru 2023) ingħatat allegatament mill-imputat waqt li huwa kien qed jagħmel ir-rapport. Huwa minnu li sa dak iż-żmien ma kienx suspettat, iżda kien biss persuna li marret tagħmel rapport, iżda meta kien qed jagħti tali informazzjoni lil PS 1462, fl-ebda ħin ma ġie spjegat lilu xi drittijiet għandu. Li seħħ f'dan il-każ huwa li persuna li marret tagħmel rapport, spiċċat ġiet imressqa l-Qorti fuq informazzjoni li tat hi stess, liema informazzjoni ġiet mogħtija minnha mingħajr ma ngħatat l-ebda drittijiet.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-Artikolu 47(1) tal-Kap 480 jistipola li negozjant, jew persuna oħra li jkollha liċenzja biex takkwista jew ikollha fil-pussess tagħha xi arma regolari jew munizzjon, għandhom iżommu dawk l-oġġetti fil-kustodja tagħhom b'tali mod, li dawn ma jiġux f'idejn ħaddieħor. Għajr għall-affidavit tal-imputat, u għar-rapport li sar mill-istess imputat, il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar iż-żamma tal-arma tan-nar. Fir-rapport tiegħu, Paul Farrugia qal li jissuspetta illi ommu sabet l-arma tan-nar u ddisponiet minnha. Madanakollu, dan kien biss suspett li seta' kellu l-imputat. Il-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma aċċediet fil-post fejn l-imputat kien iżomm l-arma inkwistjoni. Il-Prosekuzzjoni qajmet l-argument illi l-fatt illi Paul Farrugia jissuspetta li ġara hekk jindika illi effettivament l-arma, jew munizzjoni, ma nżammux b'tali mod li din ma tispiċċax f'idejn ħaddieħor. Però, in kontroeżami, l-Ispettur Keith Xerri kkonferma illi ma saritx investigazzjoni dwar fejn kienet tinżamm tali arma. Jirriżulta li dak li ġara kien li l-pulizija straħet fuq dak li kien irraporta l-istess imputat (li f'dak il-ħin li kien qed jirrapporta ma kienx suspettat u ma ngħata l-ebda drittijiet legali). Madanakollu, mhuwiex awtomatiku li, ġaladarba l-arma tan-nar ma nstabitx, dan jekwivali awtomatikament għal prova li l-imputat naqas milli jżomm l-arma b'tali mod li din ma tiġix f'idejn ħaddieħor. Din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma ressqet xi tip ta' prova li effettivament l-arma spiċċat f'idejn ħaddieħor, jew li l-imputat naqas milli jżomm tali arma b'mod li ma tiġix f'idejn ħaddieħor.

F'dan l-isfond, peress li l-imputat sejjer jiġi liberat tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet, it-tielet imputazzjoni u kif ukoll it-talba sabiex l-imputat jiġi trattat bħala reċidiv ma jistgħux jissussistu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 43, 47 u 51(8) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 49, 50, 28B(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta mhux qed issib lil Paul Farrugia ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u qed tilliberah mill-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**